IR-RABAT

# KUNSILL LOKALI IR-RABAT
## IS-SEBA' LEĠIŻLATURA
## MINUTI TAL-LAQGĦA NUMRU G 07

* **Il-Kunsill iltaqa` nhar** Data u ħin
**It-Tlieta 20 ta' Awwissu 2013 fis-7.00 pm**
**fl-Uffiċċji Amministrattivi f'nru 8, Triq l-Isptar, Ir-Rabat**

** **Preżenti għal-Laqgħa:** Attendenza

| | |
|---|---|
| Is-Sur Charles Azzopardi | Sindku |
| Is-Sra Doris Coleiro | Viċi Sindku |
| Is-Sur Nazju Cassar | Kunsillier |
| Is-Sur Peter Paul Azzopardi | Kunsillier |
| Is-Sur Paul Grech | Kunsillier |
| Is-Sur Ian Vassallo | Kunsillier |
| Is-Sur Stephen Borg | Kunsillier |
| Is-Sra Orietta Masini Cardona | Segretarju Eżekuttiv |

**Skużati:**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Andrew Mallia | Kunsillier |

**1.00 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti – Seduta numru G 06**

1.01 Il-Kunsill ikkunsidra l-minuti tas-seduta nru G06. Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti – Seduta numru G 06

1.02 Il-Viċi Sindku talbet emenda f'*item* **5.01** biex jiżdiedu dawn il-kliem: Emenda

"Il-Viċi Sindku staqsiet jekk hux ser jiġi diskuss il-programm ta' Jum ir-Rabat u jekk hux possibbli li jieħdu sehem il-grupp Bibita. Is-Sindku wieġeb li l-aħjar titkellem mal-Kunsillier Stephen Borg, li huwa l-Kunsillier responsabbli mill-attività u mal-impjegata li qed tgħinu fl-attività". Din l-emenda ġiet issekondata



KUNSILL LOKALI IR-RABAT
8, Triq l-Isptar, ir-Rabat RBT 1043, Malta. Tel: (+356) 21455000 / 21451510 / 21454533
Fax: (+356) 21451945 e-mail: rabat.malta.lc@gov.mt www.rabatlocalcouncil.com

mis-Sindku u għaddiet unanimament.

Il-Kunsillier Stephen Borg talab emenda f'*item* **6.02** biex jizdiedu dawn il-kliem: Emenda

"Wara laqgħa li kellhom s-Sindku u l-Kunsillier Stephen Borg flimkien mal-enforcement officer tat-TM u r-raprezzentant tal-*coaches*, gie maqbul li l-*coaches* jibdew jipparkjaw fit-telgha tal-infetti u mhux fil-wegha tal-muzew". Din l-emenda giet issekondata mis-Sindku u ghaddiet unanimament.

Il-Viċi Sindku talbet emenda biex wara *item* **18.06** jiżdiedu dawn il-kliem: Emenda

"Il-Viċi Sindku staqsiet jekk il-Kunsill kellux risposta mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar ir-rapport bis-suġġett 'il-pożizzjoni u l-operat finanzjaru tal-Kunsill. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbet li l-Kunsill kien għadu ma rċeviex ir-risposta finali". Din l-emenda ġiet issekondata mis-Sindku u għaddiet unanimament.

Il-minuti tas-seduta nru G06 ġew meħuda bħala moqrija u approvati unanimament hekk kif emendati u ffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

**2.00 Punti li joħorġu mill-Minuti G 06** — Punti li joħorġu mill-Minuti G 06

2.01 3.02 Is-Sindku informa l-laqgħa li t-tweġiba tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali kienet li din l-iskema hija ta darba biss. Għaldaqstant is-Sindku ppropona li l-Kunsill għandu japplika għal din l-iskema. Il-Kunsillier Paul Grech issekonda din il-proposta. Il-Kunsill qabel unanimament. — Memo 17/2013 – Skema ta' Għajnuna Finanzjarja għal *Streaming* tal-Laqgħat *online*

2.02 3.04 Is-Sindku informa lill-Kunsill li l-laqgħa mal-Kumitat il-ġdid tar-'Rabat Ajax Football Nursery' kienet saret u ġie miftiehem li bħala għajnuna l-Kunsill ser iqassam l-applikazzjonijet mill-uffiċċini tiegħu. — Laqgħa mal-Kumitat il-ġdid tar-'Rabat Ajax Football Nursery'

**3.00 Komunikazzjoni mis-Sindku inkluż korrispondenza**

3.01 Is-Sindku informa lill-Kunsill bil-kommunikazzjoni li għaddiet bejn id-Dipartiment għall-Gvern Lokali u l-Kunsill dwar ir-rapport bis-suġġett "il-pożizzjoni u l-operat finanzjaru tal-Kunsill". Is-Segretarju Eżekuttiv qrat ir-risposta tad-Dipartiment għat-talba tal-Kunsill sabiex jingħata direzzjoni fuq l-imsemmi rapport, kif ukoll il-kjarifikazzjoni mitluba minnha minħabba l-ambigwità tar-risposta. Qrat ukoll ir-risposta finali li ma tat l-ebda sodisfazzjon għall-mistoqsijiet imqajma minnha. — Rapport bis-suġġett "il-pożizzjoni u l-operat finanzjaru tal-Kunsill".

Il-Kunsill beda d-diskussjoni fuq dan is-suġġett billi kkunsidra t-tonalità użata fl-ittra tad-Dipartiment fil-konfront tas-Segretarju Eżekuttiv bħala waħda barra minn lokha, peress li ma kinetx relevanti mat-talba tal-Kunsill għall-parir dwar id-diversi nuqqasijiet li jsemmi r-rapport.

Id-diskussjoni kompliet dwar ir-rakkomandazzjoni (B) tad-Dipartiment fejn qed jingħad "illi ġaladarba l-kuntratturi għamlu x-xogħol mitlub u dan jiġi ċċertifikat bħala tajjeb mill-perit tal-Kunsill, il-pagamenti relevanti għandhom isiru". Il-Kunsill qabel mal-argumenti miġjuba mis-Segretarju Eżekuttiv fit-talb ta' kjarifikazzjoni tagħha, ossija r-relevanza ta' ċertifikazzjoni mill-perit tal-Kunsill għad-diversi servizzi msemmija fir-rapport li mhumiex ta' natura infrastrutturali. Dan billi xogħol ta' stampar, *billboards*, qtugħ ta' ħaxix u affarijiet simili qatt ma jiġu ċċertifikati minn perit.

Wara li ma kienx hemm qbil unanimu dwar kif għandu jipproċedi l-Kunsill, il-Viċi Sindku infurmat lill-Kunsill, li fuq inizjattiva personali, hi kienet ser tikteb lid-Dipartiment sabiex tiġi ċċarata l-pożizzjoni ta' dawk is-servizzi li ma jistgħux jiġu ċċertifikati minn perit. Dan wara li s-Sindku ssuġġerixxa li jitħallsu dawk is-servizzi li jkunu ġew iċċertifikati. B'reazzjoni, membri tal-Kunsill staqsew x'se jseħħ minn dawk il-kontijiet li ma jiġux normalment ċertifikati minn perit.

Fit-tmiem id-diskussjoni s-Sindku ppropona li l-Kunsill jitlob lill-perit jiċċertifika x-xogħlijiet li jħoss li jaqgħu taħt il-kompetenza tiegħu u wara l-Kunsill jiddiskuti dwar il-kumplament tas-servizzi l-oħra msemmija fir-rapport. Il-Viċi Sindku issekondat din il-proposta. Il-mozzjoni għaddiet b'4 voti favur u 3 astensjonijiet.

3.02 Is-Sindku informa l-laqgħa li l-Kunsill kien irċieva l-*Playgrounds Inspection Report*' ta' Ġnien tal-Barnuża u Ġnien Bir Iljun. Wara diskussjoni li saret il-Kunsillier Nazju Cassar ippropona li l-Kunsill jitlob lill-perit sabiex jagħmel evalwazzjoni tar-rapport u jħejji wkoll l-istimi meħtieġa. Issekonda din il-proposta l-Kunsillier Paul Grech. Il-Kunsill qabel unanimament. *Playgrounds Inspection Report* ta' Ġnien tal-Barnuża u Ġnien Bir Iljun.

3.03 Is-Sindku informa l-laqgħa li reġgħu bdew it-taħditiet mal-Assoċjazzjoni tal-Bejjiegħa tal-Monti dwar il-proġett *Measure 313 – Encouragement of Tourism Activities*. Is-Sindku qal li l-assoċjazzjoni kienu ssuġġerew li l-monti jinżel aktar l-isfel fi Triq Santa Rita u jdur għal ġo Triq Pawlu Inguanez u Triq Pierre Muscat. Wara diskussjoni li saret is-Sindku ppropona li l-Kunsill għandu jilqa' s-suġġeriment tal-assoċjazzjoni. Il-Viċi Sindku Doris Coleiro ssekondat din il-proposta. Il-Kunsill qabel unanimament. Taħdit mal-Assoċjazzjoni tal-Bejjiegħa tal-Monti dwar il-proġett *Measure 313 – Encouragement of Tourism Activities*

3.04 Is-Sindku informa l-laqgħa li kien irċieva korrispondenza mingħand is-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill ta' Ħaż-Żebbuġ dwar attività kulturali li ż-żewġ Kunsilli jistgħu jorganizzaw flimkien bl-isem ta' *Malta International Band Festival*. Wara diskussjoni li saret ġie deċiż li minħabba li din l-attività ser issir ftit jiem biss wara Jum ir-Rabat, il-Kunsill mhux ser ikun possibbli li jieħu sehem. Korrispondenza mill-Kunsill ta' Ħaż-Żebbuġ

3.05 Il-Sindku Charles Azzopardi ppropona li jinxtraw fanali ġodda għal Misraħ Anton Agius (L-Għalqa ta' Kola). Hu kompla billi qal li l-fanali eżistenti jinsabu bil-ħsara u li minn pariri tekniċi li ħa l-Kunsill irriżulta li mhux vijabbli li dawn jissewwew. Il-Kunsillier Nazju Cassar issekonda din il-proposta. Il-Kunsill qabel unanimament. Fanali ta' Misraħ Anton Agius

Is-Sindku ppropona li ssir manutenzjoni tat-triq tal-palju. Hu qal li qed jidħlu diversi lmenti li din it-triq qiegħda tkun ta' periklu għas-sewwieqa. Il-Viċi Sindku Manutenzjoni tat-Triq tal-Palju

Doris Coleiro ssekondat din il-proposta. Il-Kunsill qabel unanimament.

**4.00 Awtorizzazzjoni tal-Ħlasijiet**

4.01 Is-Sindku Charles Azzopardi ppropona li l-iskeda tal-ħlasijiet numru 224 tiġi approvata b'emenda għall-pagament numru 5798 li mill-pagament oriġinali ta' €472 għandu jitħallas biss €236. Issekondaw din il-proposta l-Viċi Sindku Doris Coleiro u l-Kunsillier Paul Grech. Il-Kunsill qabel unanimament.

L-iskeda tal-ħlasijiet numru 224

**5.00 Mozzjoni Speċjali 0001/13- 'Issir nulla deċiżjoni meħuda unanimament mill-Kunsill dwar rikonoxximent'**

5.01 Is-Sindku Charles Azzopardi ppreżenta mozzjoni 0001/13. Kopja ta' din il-mozzjoni tinsab annessa ma' dawn l-minuti.

Mozzjoni Speċjali 0001/13

Is-Sindku ressaq din il-mozzjoni bħala riżoluzzjoni speċjali u ssekondaw din il-mozzjoni l-Viċi Sindku Doris Coleiro u l-Kunsillier Paul Grech. Dan sabiex tkun tista' tiġi revokata d-deċiżjoni preċedenti li ttieħdet waqt seduta G05 tas-16 ta' Lulju 2013.

F'din l-mozzjoni s-Sindku ppropona illi ssir nulla d-deċiżjoni li s-Sur Joseph Fsadni jieħu rikonoxximent għal ħidmietu f'Jum ir-Rabat, billi huwa kien diġà ħa rikonoxximent simili fis-sena 2006.

**6.00 *Quarterly Financial Statements* ( Jannar- Marzu)**

6.01 Is-Sindku Charles Azzopardi talab li *item* 6 jerġa' jitla' fuq l-aġenda li jmiss minħabba li l-*accountant* tal-Kunsill jinsab indispost. Il-Kunsill qabel unanimament.

*Quarterly Financial Statements* (Jannar- Marzu)

**7.00 *Quarterly Financial Statements* (April- Ġunju)**

7.01 Is-Sindku Charles Azzopardi talab li *item* 7 jerġa jitla' fuq l-aġenda li jmiss minħabba li l-*accountant* tal-Kunsill jinsab indispost. Il-Kunsill qabel unanimament.

*Quarterly Financial Statements* (April- Ġunju)

** Il-Kunsillier Peter Paul Azzopardi talab li jiġi skużat fl-8.40 p.m.

**8.00 Riżenja tal-Kunsillier Antoine Borg**

8.01 Is-Segretarju Eżekuttiv ppreżentat u qrat l-ittra ta' riżenja tal-Kunsillier Antoine Borg. Is-Sindku kompla billi rringrazzja lis-Sur Borg għall-ħidma tiegħu fi ħdan il-Kunsill u awguralu kull suċċess fil-ħidma parlamentari tiegħu.

Riżenja tal-Kunsillier Antoine Borg

**9.00 Awtorizzazzjoni tal-Kunsill biex apparat u oġġetti li m'għadhomx jiffunzjonaw jitħassru mill-inventarju tal-Kunsill**

9.01 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat fuq il-mejda tal-Kunsill lista ta' apparat u oġġetti li m'għadhomx jiffunzjonaw. Liema lista tinsab annessa ma' dawn il-minuti. Kien qed jiġi rrakkomandat li dawn l-oġġetti jitneħħew mill-inventarju tal-Kunsill. Is-Sindku ppropona li l-Kunsill jilqa' r-rakkomandazzjoni tas-Segretarju Eżekuttiv. Il-Kunsillier Stephen Borg issekonda din il-proposta. Il-Kunsill qabel unanimament.

Awtorizzazjoni sabiex apparat u oġġetti li m'għadhomx jiffunzjonaw jitħassru mill-inventarju tal-Kunsill

**10.00 Korrispondenza**

10.01 B'referenza għall-korrispondenza numru **50/1218/13** is-Sindku informa l-laqgħa li l-Kunsill kien irċieva talba mingħand il-Perit Daniel Micallef fejn f'isem il-klijent tiegħu s-Sur Fredrick Curmi kien qed jitlob *No Objection* mingħand l-Kunsill sabiex jarma l-imwejjed u s-siġġijiet fi Triq San Pawl faċċata tar-Restaurant tiegħu *Cosmana Navarra*. Wara diskussjoni li saret ġie deċiż li l-Kunsill jitlob kopja tan-*No Objection* maħruġa mill-MTA.

Talba għall-imwejjed u siġġijiet

10.02 B'referenza għall-korrispondenza numru **50/1222/13** is-Sindku informa l-laqgħa li l-Korporazzjoni Enemalta kienet approvat it-talba tal-Kunsill sabiex issir bozza fuq arblu fiż-żona tas-Salvatur.

Installazzjoni ta' bozza fiż-żona tas-Salvatur

Il-Sindku ppropona li ssir l-installazzjoni ta' din il-bozza ġdida. Issekonda din il-proposta l-Kunsillier Paul Grech. Il-Kunsill approva.

10.03 B'referenza għall-korrispondenza numru **50/1221/13** is-Sindku informa l-laqgħa li l-Korporazzjoni Enemalta kienet approvat it-talba tal-Kunsill sabiex issir bozza fuq arblu fiż-żona tan-Nadur.

Installazzjoni ta' bozza fiż-żona tan-Nadur

Il-Sindku ppropona li ssir l-installazzjoni ta' din il-bozza ġdida. Issekonda din il-proposta l-Kunsillier Paul Grech. Il-Kunsill approva.

10.04 B'referenza għall-korrispondenza numru **50/1221/13** is-Sindku informa l-laqgħa li l-Kunsill kien irċieva lment dwar Triq il-Merħliet. Hu qal li f'din it-triq hemm problema bil-qlib tal-ilma u kull meta qed tagħmel ix-xita hemm ċertu residenti li jispiċċaw bl-ilma fil-garaxxijiet tagħhom.

Ilment dwar Triq il-Merħliet

Il-Sindku ppropona li l-Kunsill jitlob parir mingħand il-perit tal-Kunsill kif ukoll stima tax-xogħlijiet meħtieġa u terġa' tittella f'seduta oħra tal-Kunsill sabiex tittieħed id-deċiżjoni finali. Issekonda din il-proposta l-Kunsillier Ian Vassallo. Il-Kunsill approva.

10.05 B'referenza għall-korrispondenza numru **50/1189/13** is-Sindku informa l-laqgħa li l-Kunsill kien ircieva talba mingħand *Malta Cycling Federation* sabiex jorganizzaw tlielaq bir-roti fiż-żona ta' Miġra Ferħa, l-Imtaħleb.

Talba mingħand *Malta Cycling Federation*

Ġie deċiż li tintalab laqgħa mal-organizzaturi flimkien mas-Sindku u iċ-Ċerpersin

tal-Kumitat Amministrattiv tal-Baħrija.

10.06 B'referenza għall-korrispondenza numru **50/1159/13** is-Sindku informa l-laqgħa li l-Kunsill kien ircieva talba sabiex Triq San Piu V issir *one way*.

Talba sabiex Triq San Piu V issir *one way*.

Wara diskussjoni li saret ma kienx hemm qbil li l-imsemmija triq issir one way.

10.07 B'referenza għall-korrispondenza numru **50/1161/13, 50/1155/13, 50/1165/13** is-Sindku informa l-laqgħa li l-Kunsill kien irċieva diversi talbiet sabiex titieħed xi tip ta' azzjoni sabiex jitnaqqas il-periklu serju li jeżisti fi Triq Ħal Tartarni kantuniera ma' Triq it-Torri.
Is-Sindku qal li huwa minnu li din it-triq hija perikoluża ħafna kemm għall-*pedestrians* kif ukoll għas-sewwieqa. Ġie deċiż li l-Kunsill jerġa' jikteb lil TM u nitolbu li tittieħed azzjoni urġenti minħabba li din it-triq taqa' taħt il-ġurisdizzjoni ta' TM.

Periklu fi Triq Ħal Tartarni

** Il-Viċi Sindku Doris Coleiro talbet li tiġi skużata fid-9.08 pm

**11.00 Għażla tal-offerta tat-tbattil u tindif tal-*litter bins, dog bins* u *ash trays*- RLC/T/121/13**

11.01 Is-Sindku Charles Azzopardi talab li *item* 11 jerġa' jitla' fuq l-aġenda li jmiss peress li l-Kunsill ma setax jirrisolvi f'kumitat ta' Bord tal-Aġġudikazzjoni tal-Offerti minħabba li wħud mill-membri ma kinux preżenti. Il-Kunsill qabel.

Għażla tal-offerta tat-tbattil u tindif tal-*litter bins, dog bins* u *ash trays*-RLC/T/121/13

**12.00 Ħruġ ta' kwotazzjoni għall-uniformi tal-impjegati tal-Kunsill**

12.01 Is-Sindku Charles Azzopardi ppropona li tinħareġ sejħa għall-kwotazzjoni għall-uniformi tal-impjegati tal-Kunsill. Il-Kunsillier Nazju Cassar issekonda din il-proposta. Il-Kunsill qabel unanimament

Ħruġ ta' kwotazzjoni għall-uniformi tal-impjegati tal-Kunsill

**13.00 Tiġdid tal-offerta tat-tindif u manutenzjoni tal-latrina pubblika ta' Triq il-Kulleġġ- T/0098/2011**

13.01 Is-Sindku ressaq l-offerta T/0098/2011 tat-tindif u manutenzjoni tal-latrina pubblika ta' Triq il-Kulleġġ, u ppropona li din l-offerta tiġi mġedda għal sena oħra. Il-Kunsillier Paul Grech issekonda din il-proposta. Il-Kunsill qabel unanimament li din l-offerta tiġi mġedda.

Tiġdid tal-offerta tat-tindif u manutenzjoni tal-latrina pubblika ta' Triq il-Kulleġġ-T/0098/2011

**14.00 Tiġdid tal-offerta għal servizz ta' *accountant* - T/0099/11**

14.01 Is-Sindku ressaq l-offerta T/0099/11 għal servizz ta' *accountant*, u ppropona li din l-offerta tiġi mġedda għal sena oħra. Il-Kunsillier Paul Grech issekonda din il-proposta. Il-Kunsill qabel unanimament li din l-offerta tiġi mġedda.

Tiġdid tal-offerta għal servizz ta' *accountant* - T/0099/11

**15.00 Tiġdid tal-offerta għal servizz ta' perit - T/0108/12**

15.01 Is-Sindku ressaq l-offerta T/0108/12 għal servizz ta' perit, u ppropona li din l-offerta tiġi mġedda għal sena oħra. Il-Kunsillier Stephen Borg issekonda din il-proposta. Il-Kunsill qabel unanimament li din l-offerta tiġi mġedda.

Tiġdid tal-offerta għal servizz ta' perit - T/0108/12

**16.00 Tiġdid tal-offerta għal xogħlijiet ta' *patching* - T/0115/12**

16.01 Is-Sindku ressaq l-offerta T/0115/12 għal servizz ta' xogħlijiet ta' *patching*, u ppropona li din l-offerta tiġi mġedda għal sena oħra. Il-Kunsillier Ian Vassallo issekonda din il-proposta. Il-Kunsill qabel unanimament li din l-offerta tiġi mġedda.

Tiġdid tal-offerta għal xogħlijiet ta' *patching* - T/0115/12

**17.00 Tiġdid tal-offerta tat-tindif u manutenzjoni ta' *culverts* - T/0101/11**

17.01 Is-Sindku ressaq l-offerta T/0101/11 għal servizz ta' tindif u manutenzjoni ta' *culverts,* u ppropona li din l-offerta tiġi mġedda għal sena oħra. Il-Kunsillier Paul Grech issekonda din il-proposta. Il-Kunsill qabel unanimament li din l-offerta tiġi mġedda.

Tiġdid tal-offerta tat-tindif u manutenzjoni ta' *culverts* - T/0101/11

**18.00 Materji Oħra**

18.01 Il-Sindku Charles Azzopardi ppropona li jsir sprall ġo Triq il-Kan. G. Gatt Said qabel ma tidħol ġo Triq il-Katakombi. Issekonda din il-proposta l-Kunsillier Paul Grech. Il-Kunsill qabel li ssir stima ta' dan ix-xogħol u tiġi ppreżentata fis-seduta tal-Kunsill.

Sprall fi Triq il-Kan G. Gatt Said

18.02 Il-Sindku Charles Azzopardi ssugerixxa li ssir sprall ġo Triq Pierre Muscat kantuniera ma' Triq Santa Barbara Ġie deċiż li l-Kunsill jitlob parir mingħand il-perit tal-Kunsill.

Sprall ġo Triq Pierre Muscat

18.03 Il-Sindku Charles Azzopardi qal li Misraħ San Duminku kantuniera ma' Triq San Piju V it-triq qed iżżomm l-ilma. Ġie deċiż li l-Kunsill jitlob parir mingħand il-perit tal-Kunsill.

Misraħ San Duminku kantuniera ma' Triq San Piju V it-triq qed iżżomm l-ilma

18.04 Is-Sindku qal li kien irċieva talba mingħand il-*Motor Sports Association* sabiex il-Kunsill jisponsarja t-*trophies* kif ukoll il-*posters* tal-attivitajiet li torganizza l-Assoċjazzjoni.

Talba mingħand il-*Motor Sports Association*

Il-Kunsill inotta li skont l-Att 363 tal-Kunsill Lokali, Kunsill ma jistax jagħti donazzjonijiet kemm fi flus kif ukoll mhux bi flus.

| | | |
|---|---|---|
| 18.05 | Il-Sindku Charles Azzopardi ppropona li ssir *refresh tar-road markings* ta' Triq San Vincenz Ferreri. Issekonda din il-proposta l-Kunsillier Paul Grech. Il-Kunsill qabel unanimament. | *Refresh tar-road markings* ta' Triq San Vincenz Ferreri |
| 18.06 | Il-Kunsillier Paul Grech informa l-laqgħa li grupp ta' żgħażagħ mill-Baħrija offrew volontarjament li jnaddfu ż-żona ta' bejn il-Baħrija u l-Kunċizzjoni. Huwa ppropona li l-Kunsill iġib *open skip* sabiex fiha jintrema l-iskart li jinġabar. Is-Sindku ssekonda din l-proposta. Il-Kunsill qabel. | Tindif taż-żona tal-Baħrija u l-Kunċizzjoni minn grupp ta' żgħażagħ |
| 18.07 | Il-Kunsillier Ian Vassallo qal li xi residenti kienu qed jilmentaw dwar il-*bins on wheels* tal-*Harika takeaway* li hemm is-Saqqajja. | Ilmenti dwar il-*bins on wheels* tal-*Harika takeaway* |
| 18.08 | Il-Kunsillier Ian Vassallo qal li Triq San Trofimu quddiem bieb nru 54 it-triq qed iżżomm ħafna ilma. Ġie deċiż li l-Kunsill jitlob parir mingħand il-perit tal-Kunsill. | Manutenzjoni ta' Triq San Trofimu |
| 18.09 | Il-Kunsillier Ian Vassallo qal li Triq San Tumas quddiem bieb nru 19 it-triq qed iżżomm l-ilma. Ġie deċiż li l-Kunsill jitlob parir mingħand il-perit tal-Kunsill. | Manutenzjoni ta' Triq San Tumas |
| 18.10 | Il-Kunsillier Ian Vassallo qal li diversi residenti kienu qed jilmentaw li hemm xi brijat fil-bandli Ġnien il-Barnuża l-Ħamra l-Baħrija. Is-Segretarju Eżekuttiv informat il-laqgħa li l-Kunsill kien diġà ħa azzjoni dwar dan l-ilment. | Ilmenti dwar brijat fil-bandli Ġnien il-Barnuża l-Ħamra l-Baħrija |
| 18.11 | Il-Kunsillier Ian Vassallo qal li Triq San Publiju quddiem il-ħanut *Gun & Cycle* it-triq qed iżżomm l-ilma. Ġie deċiż li l-Kunsill jitlob parir mingħand il-perit tal-Kunsill. | Manutenzjoni ta' Triq San Publiju |
| 18.12 | Il-Kunsillier Stephen Borg talab li jsir *patching* fiż-żona tas-Salib. Il-Kunsill qabel li ssir stima ta' dan ix-xogħol u tiġi ppreżentata fis-seduta tal-Kunsill. | *Patching* fiż-żona tas-Salib |

**19.00 Data tas-seduta li jmiss**

19.01 Il-Kunsill qabel li l-laqgħa tal-Kunsill li jmiss għandha ssir nhar it-Tlieta 17 ta' Settembru 2013 fis-7.00 ta' filgħaxija.

19.02 Il-laqgħa ntemmet fl-9.45 ta' filgħaxija.

Minuti approvati llum it-Tlieta 17 ta' Settembru 2013

**Charles Azzopardi**
**Sindku**

**Orietta Masini Cardona**
**Segretarju Eżekuttiv**